MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-03 ta' Marzu, 2016**

Rikors Numru: 19/16LM

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

1. **Merger Enterprises Limited (C7066), u**
2. **Nazzareno u Mary miżżewġin Grech (K.I. numri 629254(M) u 337554 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar, 2016 mill-**Bank of Valletta p.l.c.** (C2833) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "is-soċjetà

rikorrenti"), fejn għar-raġunijiet hemm imfissra ġie premess u mitlub lil din il-Qorti:

*Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn Din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Merger Enterprises Limited u 2. Reno u Mary miżżewġin Grech" (Ċitazzjoni numru 620/2001 JA) (Dok "A"), is-soċjetà esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' (i) Merger Enterprises Limited fis-somma ta' mija u tlettax-il elf, erba' mija u tmienja u ħamsin Euro u sebgħa u sebgħin centeżmu (€113,458.77) [ekwivalenti għal Lm48,707.85] u ta' Nazzareno u Mary miżżewġin Grech fis-somma ta' disgħa u sittin elf, tmin mija u wieħed u tmenin Ewro u għoxrin centeżmu (€69,881.20) [ekwivalenti għal Lm30,000.00] bħala somma garantita mill-ammont ikbar dovut mis-soċjetà Merger Enterprises Limited, flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setgħet tiġi eżegwita u d-debitu ta' (recte) l-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Illi d-debitu tal-intimata soċjetà Merger Enterprises Limited illum jammonta għal mitejn u tmienja u ħamsin elf, mija u erbgħa u ħamsin Euro u ħames ċenteżmi (€258,154.05) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Novembru 2015 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2"), filwaqt li d-debitu tal-intimati Nazzareno u Mary miżżewġin Grech jammonta għas-somma ta' mija u wieħed u sittin elf, disa' mija u ħamsa u tletin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€161,935.15) flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Novembru 2015 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "C1 sa C2").*

*Għaldaqstant, is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs. 1. Merger Enterprises Limited u 2. Reno u Mary miżżewġin Grech" (Ċitazzjoni numru 620/2001 JA) (Dok "A"), bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati.*

Rat illi l-intimat **Nazzareno Grech** ma ppreżenta l-ebda tweġiba għalkemm deher fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2015 assistit mill-avukat tiegħu u fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016 mhux assistit.

Rat illi l-intimata **Mary Grech pro et nomine** permezz ta' nota maħlufa (a fol 25 tal-proċess) fejn ammettiet it-talba kif dedotta fir-Rikors promotur kontra tagħha personalment u kontra s-soċjetà intimata **Merger Enterprises Limited** (C7066).

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti mis-soċjetà rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda ta' Graziella Perrone rappreżentanta tas-soċjetà rikorrenti (a fol. 23 tal-proċess) li kkonfermat bil-ġurament li ma sar l-ebda depożitu akkont mill-intimati minn dakinhar li ġie ppreżentat ir-Rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikors tħalla għall-udjenza tal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sentenza terġa' ssir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn għaxar snin mindu setgħet tiġi eżegwita.

Graziella Perrone bħala rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti kkonfermat bil-ġurament illi s-soċjetà intimata Merger Enterprises Limited u l-intimati Nazzareno Grech u Mary Grech baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti.

Is-sentenza li s-soċjetà rikorrenti tagħmel riferiment għaliha fir-rikors promotur hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs. 1. Merger Enterprises Limited u Reno u Mary miżżewġin Grech" (Ċitazzjoni numru 620/2001 JA) (Dok "A"), fejn is-soċjetà rikorrenti ġiet kanonizzata kreditriċi ta' (i) Merger Enterprises Limited fis-somma ta' mija u tlettax-il elf, erba' mija u tmienja u ħamsin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€113,458.77) [ekwivalenti għal Lm48,707.85] u ta' Reno u Mary miżżewġin Grech fis-somma ta' disgħa u sittin elf, tmin mija u wieħed u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20) [ekwivalenti għal Lm30,000.00] bħala somma garantita mill-ammont ikbar dovut mis-soċjetà Merger Enterprises Limited, flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Billi jirriżulta li għaddew aktar minn għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita s-sentenza inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12.

Billi din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' għaxar snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Billi s-sentenza inkwistjoni baqgħet ma ġietx eżegwita, u għaddew għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi:

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur u qiegħda fit-termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap 12, tawtorizzaha teżegwixxi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. 1. Merger Enterprises Limited u 2. Reno u Mary miżżewġin Grech (Ċitazzjoni numru 620/2001JA) (Dok "A"), bl-ispejjeż kontra l-intimati.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------